

Insostenn tal-argumenti tiegħu, l-appellant isostni l-aggravji segwenti:

- nuqqas assolut ta' motivazzjoni, anki minħabba deformazzjoni u żnaturament tal-fatti, fir-rigward tad-dikjarazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku dwar il-possibbiltà għall-appellant li jifhem il-kontenut tal-ittra inkwistjoni, fil-verżjoni lingwistika li biha ġiet innotifikata lilu;
- ksur tad-dispożizzjonijiet legali fir-rigward tad-dritt ta' kull individwu li jikkomunika ma' istituzzjoni Komunitarja billi juża lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li tkun tal-għażla tiegħu u tad-dritt tiegħu li jirċievi r-risposta fl-istess lingwa;
- interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2009 minn Luigi Marcuccio mid-digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru 2009 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-122/07, Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-516/09 P)

(2010/C 51/75)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

**Appellant:** Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

**Appellata:** Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tal-appellant

- fi kwalunkwe każ: tannulla d-digriet ikkontestat fl-intier tiegħu u mingħajr l-ebda eċċezzjoni;
- tiddikjara li r-rikors tal-ewwel istanza, li wassal għad-digriet ikkontestat, kien perfettament ammissibbli fl-intier tiegħu u mingħajr l-ebda eċċezzjoni;
- prinċipalment, tilqa' fl-intier tagħha u mingħajr l-ebda eċċezzjoni t-talba tal-appellant li tinsab fir-rikors tal-ewwel istanza;
- tikkundanna lill-appellata tirrimborsa lill-appellant l-ispejjeż, id-drittijiet u l-onorarij kollha li dan tal-aħħar sofra fl-istanzi kollha tal-kawża inkwistjoni;
- sussidjarjament, tibgħat il-kawża inkwistjoni quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, kompost b'mod differenti, sabiex jiddeċiedi mill-għdid il-mertu tagħha;

#### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell preżenti huwa dirett kontra d-digriet mogħti fis-7 ta' Ottubru 2009 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-122/07. Dan id-digriet ċaħad, bħala parzjalment manifestament inammissibbli u bħala parzjalment manifestament infondat fid-dritt, rikors li kellu bħala suġġett, prinċipalment, l-annullament tad-deċiżjoni li biha l-appellata ċaħdet it-talba tal-appellant sabiex titwettaq investigazzjoni dwar ċerti fatti li seħħew lill-appellant matul is-snin 2001 u 2003, kif ukoll il-kundanna tal-appellata għall-kumpens għad-danni morali li huwa sofra.

Insostenn tat-talbiet tiegħu, l-appellant isostni żnaturament u deformazzjoni tal-fatti fid-digriet ikkontestat, kif ukoll interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti.

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2009 — Alstom vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-517/09)

(2010/C 51/76)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

**Rikorrenti:** Alstom (Levallois Perret, Franza) (rappreżentanti: J. Derenne u A. Müller-Rappard, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 fil-Każ COMP/F/39.129 — Transformers tal-Elettriku; u
- tannulla d-deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2009;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

B'dan ir-rikors Alstom titlob, minn naħa waħda, l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7601 finali mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2009 — Transformers tal-Elettriku dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE (issa Artikolu 101 TFUE) u l-Artikolu 53 ŻEE, dwar akkordju fis-suq Ewropew tat-transformers tal-elettriku u, min-naħa l-oħra, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2009 li tiċħad it-talba ta' Alstom sabiex tagħti garanzija finanzjarja matul il-proċeduri mibdija permezz ta' dan ir-rikors.